MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 88/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Grixti)**

**Vs**
**Charles Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru, 2004, u sitt xhur qabel, gewwa Paceville w bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendata u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif

emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 31 u t-Tielet Skeda tal-istess Kap, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' seba' xhur u ghall-hlas ta' multa ta' €600 liema multa tista' tithallas b'rata ta' €80 fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data ta' din is-sentenza. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsa.
Il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas €328.55 (LM141.01) ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-hlas ta' espert wiehed li tqabbad fil-mori tal-kawza. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma biss dik il-parti fejn iddikjaratu hati ta' pussess ta' medicina psikotropika w ristretta (pussess semplici) w thassaraha fejn iddikjarat illi l-pussess li tieghu gie misjub hati l-appellant kien wiehed illi fic-cirkostanzi kien juri illi dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-istess appellant u fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sebgha xhur prigunerija w multa ta' sitt mitt Euro w minflok tilliberah mill-kwalifika tal-pussess aggravat u tinfliggi piena ohra skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. Li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati ta' pussess ta' droga
mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, peress li ma giex pruvat li d-droga misjuba ma
kienetx intiza ghall-konsum tieghu w ghalhekk kull ma seta' jirrizulta kien biss
pussess mhux awtorizzat tad-droga. Id-droga elevata mill-vettura tal-appellant
kienet intiza sabiex hu jaghmel uzu minnha personalment. F' dal-kaz, kull ma
rrizulta kien il-pussess ta' numru ta' pilloli ecstacy. Ma tressqux provi li setghu
juru b' mod unikvoku w a sodisfazzjon tal-vot tal-ligi illi kien hemm imqar cirkostanza
wahda li kienet twassal b' mod ragjonevoli li dawn il-pilloli kienu ntizi ghall-ispacc.
L-appellant ma jistax jifhem il-logika tal-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-evalwazzjoni
tal-provi w partikolarment tax-xhud prodott mid-difiza li kien mieghu fil-vettura fid-data
mertu tal-kaz. 2. Il-piena inflitta kienet wahda eccessiva kemm ghax is-sejbien ta' htija
kellu jkun biss limitat ghal pussess semplici w mhux ta' pussess aggravat ta' droga
ristretta kif ukoll ghax, fi kwalunkwe kaz, il-piena kellha tigi imposta fil-minimu possibbli mill-ligi.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa dejjem gie ritenut li fejn l-appell ikun jinvolvi l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fuq il-provi traskritti li jkunu jinsabu fl-atti processwali, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun

waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

Illi appropositu ta' dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Din il-Qorti proprju ghamlet dan l-ezami tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx issib lill-appellant hati tar-reat dedott kontra tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, rriepilogat fid-dettall il-provi rilevanti w dawn jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

Fit-13 ta' Novembru, 2004, fejn l-Ice Arena, Paceville, kienu nstabu f' container tal-plastic fil-car tal-appellant numru DBD 558 u precizament fuq il-gear lever, tmintax il-pillola ecstasy. Dawn kienu sabuhom PC Trevor Cassar Mallia w WPC 89 Mariella Spiteri. Hu gie arrestat u interrogat. Fl-istqarrija tieghu hu ammetta li dawn il-pilloli kienu tieghu w li kien xtrahom bil-prezz ta' Lm2.50c il-wahda. Qal ukoll li l-ahhar darba li kien ghamel uzu mill-

ecstacy kien f' Awwissu, 2004. PC Cassar Mallia kien xehed *inter alia* li minghalieh l-appellant kien qalilhom li dawk il-pilloli kienu tieghu ghall-uzu personali. Xehed ukoll li kien qalilhom li kien sejjer id-dar. L-Ispizjar Mario Mifsud kien ikkonferma li dawn il-pilloli kienu ecstasy.

Ix-xhud prodott mid-difiza tal-appellant Keith Scicluna xehed li dak in-nhar, wara li kien lesta mix-xoghol fejn jahdem fil-Corinthia San Gorg Hotel, kien cempel lill-appellant li kellu jmur id-dar umbaghad jghaddi ghax-xhud u wara jiltaqghu ma shabhom. Kienu waqqfuhom il-Pulizija fejn l-Eden Ice Arena. Kienu hdejn l-Arena ghax bil-fors riedu jghaddu minn hemm. Ma shabhom ma kienu ser jaghmlu xejn partikolari w ma kellhomx biljetti biex jidhlu it-Trigger Party. Xehed li l-appellant gieli kien qallu li kien jiehu l-ecstasy u li kien sab dawk il-pilloli bi prezz tajjeb u li kienu tajbin ghall-Milied u kien xtrahom biex izommhom ghalih. Kien qallu ukoll li kien ser izommhom id-dar biex *"ma joqghodx jigri bl-affarijiet."*

L-Ewwel Qorti mmotivat is-sentenza taghha billi fl-ewwel lok ippremettiet li dwar ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga, cirkostanza wahda hija bizzejjed jekk biha l-Qorti tkun perswaza li l-pussess ma kienx intiz ghall-uzu personali tal-imputat biss. In sostenn ta' dan iccitat gurisprudenza ta' din il-Qorti. Mbaghad il-Qorti qalet li kienet qieset il-fatturi segwenti :- in-numru ta' 18 il-pillola li nstabu; l-fatt li l-appellant kien barra fit-triq bihom; li jekk l-appellant kien mar id-dar qabel rikkeb lix-xhud Scicluna, ma kienx hemm raguni ghalfejn dawn il-pilloli ma poggiehomx id-dar minnflok baqa jigri bihom fil-car tieghu; li l-fatt li l-appellant ma kienx sejjer it-Trigger Party ma jfisser xejn ghax it-tqassim tad-droga mhux bil-fors isir f' party. Inoltre jekk l-appellant, l-ahhar li kien ha l-ecstacy kien f' Awwissu tas-sena 2004, x' kellu bzonnu dak l-ammont jkollu fil-car tieghu dak in-nhar? Fl-ahhar nett il-Qorti rriteniet li x-xhud tad-difiza Scicluna ma kien affidabbli xejn bil-mod kif xehed quddiemha. Dawn il-konsiderazzjonijiet wasslu lill-Ewwel Qorti biex tghid li d-difiza ma ppruvatx sal-grad ta' probabbilta' l-linja

difensjonali taghha. Ergo ddecidiet li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Marius Magri'** [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"** [2.9.1999].)

Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *"hard and fast rule*" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** [23.5.2002]).

Ikkonsidrat;

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti w fil-konkluzzjoni minnha milhuqa. Hu fatt inkontestat li l-appellant instab fil-pussess ta' 18 l-pillola ecstacy fl-inhawi ta' Paceville fejn kien hemm xi party u ghalkemm hu ma kienx ser jidhol fil-party, l-ammont hekk kbir tal-pilloli f' car, jekk hu ma kienx sejjer ghal xi party, zgur li mhux spjegabbli. Inoltre jekk, kif qal ix-xhud in difeza, dawn il-pilloli l-appellant kien behsiebu izommhom ghall-Milied li kien jigi aktar minn xahar wara din is-sejba ta' droga, u ladarba kien mar id-dar qabel ghabba lix-xhud Scicluna, seta' facilment hallihom id-dar jekk verament kien behsiebu jistokkja ghall-Milied.

Mill-fatt li l-appellant kien ghaddej b' karozza f' ambjent fejn hemm ghadd kbir ta' postijiet ta' divertiment fil-pussess ta' kwantita' ta' pilloli li hu zgur ma kienx mistenni li jikkonsma wahdu f' serata, l-Ewwel Qorti setghat liberament tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tghid li l-appellant ma wasalx biex jipprova t-tezi difensjonali tieghu li b' xi mod setghet tispjega ragjonevolment dak il-pussess, f' dik il-lokalita' u f' dawk il-hinijiet sal-grad tal-probabbli. Dan ma jistax jigi interpretat, kif qed jaghmel l-appellant, li d-difiza ghandha obbligu li tipprova l-innocenza tal-appellant. Ifisser biss li stabilit dak il-pussess f' dawk ic-cirkostanzi, hemm il-prova tal-htija u li din il-prova ma gietx newtralizzata bi prova kuntrarja, al menu sal-grad tal-probabbli.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament esagerata. Issa l-piena minima mandatorja f' dan il-kaz hi dik ta' sitt xhur prigunerija w multa ta' mhux inqas minn Ewro 465.87c. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti erogat piena li tirrazenta l-minimu possibbli meta setghat erogat piena massima ta' ghaxar snin prigunerija w multa ta' Ewro 11,646.87c u dan wara li qieset il-fedina penali incensurata tal-appellant .

Din il-Qorti ghalhekk ma tarax li hemm raguni ghala din il-piena ghandha tigi varjata hlief ghar-rigward tat-terminu akkordat mill-Ewwel Qorti ghall-hlas tal-piena pekunjarja, li ghandu jibda jiddekorri minn zmien wara li l-appellant ikun skonta l-piena karcerarja skond l-artikolu 28 (1) tal-Kodici Kriminali. (Ara: App. Krim. : **"Il-Pulizija vs. Grazio Spiteri"** [7.7.1997]; **"Il-Pulizija vs. Robert Attard"** [26.3.2009] u ohrajn).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha hlief fejn ordnat li l-ewwel pagament tal-multa jsir mhux aktar tard minn mid-data tas-sentenza appellata, u minnflok tordna li l-ewwel pagament ta' €80 ghandu jsir mhux aktar tard minn erba gimghat wara li l-appellant jiskonta l-piena karcerarja. li qed tigi b' din is-sentenza konfermata w, ghall-dan il-fini, r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------